

Brussell, 16 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0147(COD)

---

13942/1/23  
REV 1

ECOFIN 983  
CYBER 236  
CONSOM 350  
MI 832  
COMPET 964  
EF 298  
DIGIT 209  
CODEC 1802

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                |
|----------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                               |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                  |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2011/83/UE fejn jidħlu l-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod u li tħassar id-Direttiva 2002/65/KE <b>(l-ewwel qari)</b><br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fil-11 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Settembru 2022<sup>2</sup>.
3. Fil-5 ta' Ottubru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> 9053/22 + ADD 1-4.

<sup>2</sup> ĠU C 486, 21.12.2022, p. 139.

<sup>3</sup> 11497/23.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 37/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
5. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---